

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2008 —  
Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika  
Franċiża**

(Kawża C-512/08)

(2009/C 44/48)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u E. Traversa, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Franċiża

**Talbiet**

— tikkonstata li,

— billi ssuġġettat, skont l-Artikolu R-332-4 tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali, għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bil-quddiem ir-rimbors tal-prestazzjonijiet mediċi aċċessibbli fi klinika fil-belt li jeħtieġu l-użu ta' apparat materjali tqil li jinsab fil-II tal-Artikolu R-712-2 tal-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika,

— billi ma pprovdietx fl-Artikolu R-332-4 jew f'kull dispożizzjoni oħra tad-dritt Franċiż, il-possibbiltà li l-pazjent, li jgawdi minn assigurazzjoni soċjali taħt is-sistema Franċiża, jingħata rimbors supplementari fil-kundizzjonijiet previsti fil-punt 53 tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel et (C-368/98),

ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 tat-Trattat KE;

— tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tqajjem żewġ ilmenti insostenn tar-rikors tagħha.

Permezz tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta l-ħtieġa, issollewata mill-konvenuta, li tinkiseb awtorizzazzjoni bil-quddiem, sabiex ikun jista' jittieħed benefiċċju mir-rimbors ta' ċerta kura li ma tingħatax fi sptarjiet mogħtija fi Stat Membru ieħor. Filwaqt li din il-ħtieġa tista' fil-fatt tkun iġġustifikata meta tirrigwarda prestazzjonijiet mediċi mogħtija fi struttura ta' sptar, minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata kemm aċċessibbiltà suffiċjenti u permanenti għal sensiela ekwilibrata ta' kura fi sptarjiet ta' kwalità kif ukoll kontroll tal-ispejjeż li din toħloq, dan jidher sproporzjonat fir-rigward tal-prestazzjonijiet li jingħatawax fi sptarjiet. Diversi elementi huma ta' natura li jillimitaw l-impatt finanzjarju eventwali tat-tneħħija ta' awtorizzazzjoni bil-quddiem, bħall-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jistabbilixxu l-porzjanta tal-kopertura tal-assigurazzjoni kontra l-mard li jibbenefikaw minnha l-persuni assigurati jew il-kundizzjonijiet nazzjonali ta' għoti tal-prestazzjonijiet, sa fejn dawn ma jkunux la diskriminatorji u lanqas jikkostitwixxu ostakolu għall-moviment liberu tal-persuni.

Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni barra minn hekk ikkundannat in-nuqqas, fid-dritt Franċiż, ta' dispożizzjoni li tippermetti li pazjent affiljat mas-sigurtà soċjali Franċiża jingħata rimbors supplementari fil-kundizzjonijiet previsti fil-punt 53 tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel et, jiġifieri rimbors li jikkorrispondi għad-differenza fir-rigward tal-ammont li huwa kien ikollu dritt għalih li kieku l-kura fi sptar kienet ingħatatlu fl-Istat Membru tiegħu. Konsegwentement, il-pazjenti affiljati ma' din is-sistema ta' sigurtà soċjali ma jibbenefikawx għal kollox mid-drittijiet li huma rrikonoxxuti lilhom mill-Artikolu 49 KE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen (il-Belġju) fis-26 ta' Novembru 2008 — Proċedura kriminali kontra Vítor Manuel dos Santos Palhota, Mário de Moura Gonçalves, Fernando Luís das Neves Palhota, Termiso Lda**

(Kawża C-515/08)

(2009/C 44/49)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinvju**

Rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Proċedura kriminali kontra Vítor Manuel dos Santos Palhota, Mário de Moura Gonçalves, Fernando Luís das Neves Palhota, Termiso Lda.

**Domandi preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-liġi tal-5 ta' Marzu 2002 u tal-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Digriet Irjali tad-29 ta' Marzu 2002 (digriet ta' eżekuzzjoni) jiksru l-Artikoli 49 KE u 50 KE, safejn dawn jimponu fuq persuni barranin li jimpjegaw li jixtiequ jikkollokaw ħaddiema l-obbligu li jibagħtu minn qabel dikjarazzjoni ta' kollokament lis-Servizz ta' Spezzjoni tal-Liġijiet Soċjali, kif ukoll li jżommu għad-dispożizzjoni tiegħu dokumenti komparabli mal-kontijiet individwali jew in-noti tal-paga Belġjani, u minħabba dan l-aċċess tagħhom għas-suq tas-servizzi Belġjan huwa ostakolat jew minn tal-inqas imqiegħed f'diffikultà?